

Brussell, 18 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14178/20

CORDROGUE 80
SAN 483
COSI 255
RELEX 1026
UD 399

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Diċembru 2020

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13932/20

Suġġett: Strateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet intitolati *Strateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021 - 2025*, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fit-18 ta' Diċembru 2020.

Strateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025

INTRODUZZJONI – Għan, Bażi u Approċċ

1. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istrateġija") tipprovdi l-qafas politiku ġenerali u l-prijoritajiet għall-politika tal-Unjoni Ewropea dwar id-drogi, għall-perijodu 2021-2025. Il-qafas, l-għan u l-oġettivi ta' din l-Istrateġija ser iservu bħala l-bażi għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi mill-2021 sal-2025.
2. L-Istrateġija għandha l-għan li tipproteġi u ttejjeb il-benesseri tas-soċjetà u tal-individwi, li tipproteġi u tippromwovi s-saħħa pubblika, li toffri livell għoli ta' sigurtà u benessere għall-pubbliku iġenerali u li żżid l-għarfien dwar is-saħħa. L-Istrateġija tiegħu approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinarju għall-fenomeni tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Tinkorpora wkoll perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-ekwità tas-saħħa.
3. Sal-2025, il-prijoritajiet u l-azzjonijiet fil-qasam ta' drogi illeċiti, ikkoordinati permezz ta' din l-Istrateġija, għandhom iħallu impatt globali fuq aspetti kruċjali tas-sitwazzjoni tad-drogi fl-UE. L-implimentazzjoni koerenti, effettiva u effiċjenti tal-miżuri għandha tiżgura kemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, ta' stabbiltà soċjali u ta' sigurtà, kif ukoll tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni. Kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali mhux intenzjonata assoċjata mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għandha tiġi minimizzata, u d-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli għandhom jiġu promossi.

4. L-Istrateġija hija bbażata l-ewwel u qabel kollox fuq il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-UE u, f'kull rigward, tiddefendi l-valuri fundaturi tal-UE: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-Istrateġija hija bbażata wkoll fuq id-dritt internazzjonali, il-konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti (NU)¹ li jipprovdu l-qafas legali internazzjonali biex jiġi indirizzat il-fenomeni ta' drogi illeċiti u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Istrateġija tqis l-iżviluppi ta' politika fil-livell multilaterali, u tikkontribwixxi għall-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. L-ewwel u qabel kollox, l-UE tappoġġa bil-qawwa d-dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNGASS) tal-2016 dwar il-problema dinjija tad-droga bit-titlu "Our joint commitment to effectively addressing and countering the world drug problem" (L-impenn konġunt tagħna biex nindirizzaw u niġġieldu b'mod effettiv il-problema dinjija tad-droga), li huwa d-dokument ta' politika l-aktar komprensiv f'dan ir-rigward. Tappoġġa wkoll id-dikjarazzjoni Ministerjali tal-2019 dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tagħna fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak internazzjonali biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-impenni konġunti tagħna biex nindirizzaw u niġġieldu l-problema dinjija tad-droga, l-għanijiet applikabbli għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-pożizzjoni komuni tas-sistema tan-NU li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika internazzjonali dwar il-kontroll tad-drogi permezz ta' kollaborazzjoni effikaċi bejn l-aġenziji, u l-"International Guidelines on Human Rights and Drug Policy" (Linji Gwida Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Politika dwar id-Drogi). L-Istrateġija ġiet abbozzata abbażi tal-prinċipji li jinsabu fit-Trattat ta' Lisbona u b'kont meħud tal-kompetenzi rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri individwali. Ingħatat attenzjoni debita għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, billi din l-Istrateġija hija intenzjonata li żżid il-valur lill-istrateġiji nazzjonali waqt li ttrrispetta l-ħtiġijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istrateġija jenħtieġ li tiġi implimentata f'konformità ma' dawn il-prinċipji u kompetenzi. Barra minn hekk, l-Istrateġija ttrrispetta bis-sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u hija ggwidata mid-dritt tal-bniedem għas-saħħa, li għandu japplika għal kulħadd irrispettivament minn, pereżempju, l-età jew il-ġeneru. In-nisa, l-irġiel u t-tfal kollha, inkluż il-persuni b'disturbi relatati mal-użu tad-drogi, għandhom id-dritt li jgawdu l-oġġla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali, inkluż il-libertà mill-vjolenza.

¹ Il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, il-Konvenzjoni dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988.

5. Il-politika dwar id-drogi hija ta' natura trazzversali. Hija wkoll kwistjoni nazzjonali u internazzjonali li jeħtieġ li tiġi indirizzata f'kontest globali, minn partijiet ikkonċernati differenti. L-Istrateġija tipprovdi qafas komuni u bbażat fuq l-evidenza għar-rispons b'mod konsistenti għall-fenomeni tad-drogi fl-UE u barra minnha. Hija tappoġġa u tikkomplementa l-politiki nazzjonali, tipprovdi qafas għal azzjoni koordinata u konġunta u tiffirma l-bażi u l-qafas politiku għall-kooperazzjoni esterna tal-UE f'dan il-qasam. B'hekk tiżgura li r-risorsi investiti f'dan il-qasam jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti.
6. L-Istrateġija tibni fuq il-kontribut siewi mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Aġenda u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025², fuq it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni tal-UE preċedenti dwar id-drogi, inkluż is-sejbiet mill-evalwazzjoni esterna³ u tibni fuq il-kisbiet tal-UE f'dan il-qasam. Hija tqis ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà għall-2020-2025, il-pjan strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari għall-2016-2020, u żviluppi u azzjonijiet ta' politika rilevanti oħra fil-livell tal-UE u dak internazzjonali fil-qasam tad-drogi. Barra minn hekk, l-Istrateġija tirċievi kontribut minn valutazzjoni li għaddejjja tas-sitwazzjoni attwali tad-drogi, b'mod partikolari dik ipprovduta miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u l-Europol. Fl-aħħar nett, tiegħu kont tal-informazzjoni pprovduta mis-soċjetà ċivili.
7. L-Istrateġija tindirizza l-isfidi eżistenti u dawk li qed jevolvu, u tinkludi approċċi bbażati fuq l-evidenza li qed jevolvu. Barra minn hekk, minħabba n-natura dinamika u kumplessa tal-fenomeni tad-drogi, li għal darb'oħra sar evidenti matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istrateġija tadotta approċċ orjentat lejn il-futur sabiex jiġu antiċipati l-bidliet. Il-previżjoni strateġika għet integrata bl-intenzjoni li l-UE tkun iżjed imħejjija u jiġi żgurat rispons effiċjenti għall-isfidi futuri.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Aġenda u l-Pjan tal-Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025.

³ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020, Lulju 2020, SWD(2020) 150.

8. L-Istrateġija hija strutturata madwar tliet oqsma ta' politika li kollha ser jikkontribwixxu biex jinkiseb l-għan tagħha: (I.) Tnaqqis fil-provvista tad-drogi: Tisħiħ tas-Sigurtà, (II.) Tnaqqis fid-domanda għad-drogi: prevenzjoni, trattament u servizzi ta' kura, u (III.) Indirizzar tal-ħsara relatata mad-droga; u tliet temi trażversali b'appoġġ għall-oqsma ta' politika: (IV.) Kooperazzjoni internazzjonali u (V.) Riċerka, innovazzjoni u prospettiva; u (VI.) Koordinazzjoni, governanza u implimentazzjoni. B'kollox, l-Istrateġija tinkludi 11-il prijorità strateġika.

I. TNAQQIS FIL-PROVVISTA TAD-DROGI: TISĦIĦ TAS-SIGURTA'

It-tnaqqis fil-provvista tad-drogi jinkludi l-prevenzjoni, id-dissważjoni u t-tfixkil tal-kriminalità relatata mad-drogi, b'mod partikolari, il-kriminalità organizzata, permezz tal-kooperazzjoni għudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi, l-intelligence, l-interdizzjoni u l-konfiska ta' assi kriminali, l-investigazzjonijiet u l-ġestjoni tal-fruntieri.

Fil-qasam tat-tnaqqis tal-provvista tad-drogi, l-oġġettiv tal-Istrateġija huwa li, permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, tirrispondi għall-iżvilupp diffiċli tas-swieq Ewropej tad-drogi, li huwa kkaratterizzat minn disponibbiltà għolja ta' diversi tipi ta' drogi, qabdiet dejjem akbar, żieda fl-użu tal-vjolenza u profitti kbar. L-Istrateġija għalhekk għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tfixkil tas-swieq tradizzjonali u online tad-drogi illeċiti, l-iżmantellar ta' organizzazzjonijiet kriminali li huma involuti fil-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi, l-użu effiċjenti tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, l-infurzar tal-liġi effettiv immexxi mill-intelligence, tnaqqis fil-livelli ta' vjolenza assoċjata mas-swieq tad-drogi illeċiti, u kondiviżjoni akbar tal-intelligence li ser tiżgura approċċ komuni min-naħa tal-partijiet ikkonċernati responsabbli kollha.

Prijorità strateġika 1: Tfixkil u żmantellar ta' organizzazzjonijiet kriminali b'riskju għoli relatati mad-drogi li joperaw fl-Istati Membri tal-UE, joriġinaw fihom jew jolqtuhom; indirizzar tar-rabtiet ma' theddid ieħor għas-sigurtà u titjib fil-prevenzjoni tal-kriminalità

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 1.1. Mira fuq organizzazzjonijiet kriminali attivi madwar l-UE u swieq tad-drogi transfruntieri; stabbiliment ta' prijoritàjiet f'sinerġija maċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (EMPACT)⁴; tfixkil tal-mudelli ta' negozju kriminali speċjalment dawk li jrawmu l-kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet kriminali differenti; u indirizzar tar-rabtiet ma' theddid ieħor għas-sigurtà.
- 1.2. It-traċċar, ir-rintraċċar, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u l-istrumenti użati mill-organizzazzjonijiet kriminali involuti fis-swieq tad-drogi illeċiti.
- 1.3. Prevenzjoni tal-kriminalità relatata mad-drogi b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-vjolenza, tiġi limitata l-korruzzjoni u jiġi indirizzat l-isfruttament ta' gruppi vulnerabbli billi jiġu indirizzati l-fatturi sottostanti li jwasslu għall-involviment tagħhom fis-swieq tad-drogi illeċiti.

⁴ <https://www.europol.europa.eu/empact>.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 1.1. Organizzazzjonijiet kriminali b'riskju għoli relatati mad-droga għandhom jiġu mfixkta. Kemm l-operazzjonijiet li huma fuq skala kbira f'termini tal-volum ta' drogi jew ta' profitti, kif ukoll dawk li huma fuq skala iżgħar iżda li huma ta' ħsara partikolari minħabba n-natura tad-drogi kkonċernati, bħal sustanzi psikoattivi ġodda (SPG), opjojdi sintetiċi, eroina, kokaina u metamfetamina għandhom ikunu mira ta' prijorità fil-livell tal-UE. Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u approċċ ibbażat fuq l-evidenza, dan għandu jiġi prijoritizzat f'sinerġija maċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (EMPACT) li jidentifika, jagħti prijorità u jindirizza t-theddiet fuq approċċ ibbażat fuq il-komoditajiet. Barra minn hekk, kemm il-miri tal-ogħla livell kif ukoll dawk stabbiliti fil-livell medju li huma importanti għas-sostenn tal-kontinwità operazzjonali tal-organizzazzjonijiet kriminali għandhom ikunu prijorità sabiex ifixklu l-istruttura ta' kmand tagħhom. L-atturi kollha fil-katina li għandhom esperjenza biżżejjed sabiex jipprovdu kontinwità tal-operazzjonijiet kriminali għandhom ikunu fil-mira. Jeħtieġ li jiġu indirizzati r-rabtiet tal-kriminalità relatata mad-drogi ma' forom oħra ta' kriminalità serja.
- 1.2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali fuq it-traffkar, ir-rintraċċar, l-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali enormi akkwistati mit-traffkar tad-drogi u minn reati relatati sabiex titneħħa l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet kriminali li jieħdu sehem f'reati futuri u li jinfiltraw l-ekonomija legali. Sabiex jiġi miġġieled b'mod effettiv it-traffkar tad-drogi, irridu niżguraw li l-profitti illegali ma jmorrux lura fil-katina tal-provvista tad-drogi illeċiti u ma jippermettux imġiba kriminali bħall-korruzzjoni u l-vjolenza, jew forom oħra ta' kriminalità serja u organizzata, bħat-traffkar tal-bnedmin jew saħansitra t-terroriżmu. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll miżuri sabiex jiġi limitat l-użu kriminali ta' strumenti li jiffaċilitaw il-kummerċ tad-drogi illeċiti, bħal tagħmir fil-laboratorji tad-drogi użat għall-finijiet tal-produzzjoni tad-drogi illeċiti, armi tan-nar, dokumenti ffalsifikati u teknoloġija ta' kriptaġġ. Fl-aħħar nett, l-istrumenti maqbuda u kkonfiskati u r-rikavat mir-reati relatati mad-drogi jistgħu jintużaw fl-appoġġ ta' miżuri li jnaqqsu l-provvista tad-droga u d-domanda għad-drogi, sa fejn permess mil-liġi nazzjonali.

1.3. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut l-impatt tal-kriminalità relatata mad-droga, b'mod partikolari fuq il-komunitajiet u li jiġu miġġielda t-theddidiet ta' dawn ir-reati, bħall-vjolenza u l-intimidazzjoni, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u l-effett negattiv fuq l-ekonomija legali marbut magħhom. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi miġġieled l-isfruttament minn organizzazzjonijiet kriminali ta' gruppi vulnerabbli, fosthom it-tfal u ż-żgħażaġh u dawk bi problemi tad-drogi, billi jittieħed approċċ multidixxiplinarju għall-fatturi sottostanti li jwasslu għall-involviment tagħhom fis-swieq tad-drogi illeċiti. Il-ġlieda kontra dawn it-theddidiet u l-prevenzjoni tagħhom u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli huma sfida sinifikanti li teħtieġ azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE u bejn għadd ta' setturi.

Prijorità strateġika 2: Żieda tad-detezzjoni tat-traffikar illeċitu bl-ingrossa tad-drogi u tal-prekursuri tad-droga fil-punti tad-dħul u tal-ħruġ tal-UE

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 2.1. Ġlieda kontra l-kuntrabandu tad-drogi u prekursori tad-droga fl-UE u barra minnha bl-użu ta' kanali kummerċjali leġittimi stabbiliti.
- 2.2. Żieda tal-monitoraġġ tal-qsim tal-fruntieri li mhumiex parti mill-kanali kummerċjali stabbiliti għall-prevenzjoni aktar effettiva tal-qsim illegali jew mhux iddikjarat tal-fruntieri esterni tal-UE.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

2.1. Il-portijiet, l-ajruporti u l-punti tad-dħul u tal-ħruġ fuq l-art l-aktar importanti fl-UE li jintużaw bħala ċentri għat-traffikar bl-ingrossa tad-droga u tal-prekursuri tad-droga għandhom jitqiegħdu fl-lista ta' prijorità għolja għal azzjoni li tolgot it-traffikar tad-droga. Il-miżuri għandhom jinkludu titjib fl-analiżi tar-riskju doganali tal-kontejners u tal-merkanzija, it-tfassil ta' profili, il-kondiviżjoni tal-intelligence u kooperazzjoni effettiva fost l-aġenziji kompetenti kollha tal-UE u bejniethom, skont il-mandati rispettivi tagħhom u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, tad-dwana u tal-kontroll fil-fruntieri tal-Istati Membri u tal-aġenziji rilevanti ta' pajjiżi sħab. Skambju mtejjeb ta' informazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet tad-dwana u l-pulizija ġew identifikati bħala kritiċi fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu tad-droga. Għandha tingħata attenzjoni wkoll għall-iżvilupp ulterjuri u għall-estensjoni tal-miżuri kontra l-korruzzjoni fir-rigward ta' dawn iċ-ċentri u għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe effett ta' spostament li jirriżulta minn interventi effettivi.

2.2. Huwa importanti li jsir monitoraġġ tal-fruntieri marittimi, tal-art u tal-ajru għall-prevenzjoni ta' qsim illeċitu marbuta mal-kummerċ tad-drogi. F'dan l-ambitu, l-attivitajiet ta' għarfien tas-sitwazzjoni għandhom jissaħħu għall-fruntieri esterni kollha tal-UE, inkluż fil-Frontex f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Għandha tingħata prijorità lill-fruntieri tal-ajru u dawk marittimi minħabba vulnerabbiltajiet inerenti tagħhom, il-monitoraġġ limitat, u l-importanza strateġika tal-ispazju tal-avjazzjoni ġenerali⁵, kif ukoll l-Oċean Atlantiku u l-Baħar Mediterran. Matul il-pandemija tal-COVID-19, it-trasport marittimu kompli relattivament mingħajr xkiel u l-opportunitajiet ta' traffikar baqgħu disponibbli għall-organizzazzjonijiet kriminali involuti fit-trasport bl-ingrossa tad-drogi lejn l-Ewropa.⁶ Attivitajiet bħal dawk imwettqa miċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi – Narkotiċi (MAOC-(N)), pereżempju l-monitoraġġ ta' bastimenti u ta' inġenji tal-ajru ta' interess li jgħorru d-drogi illeċiti fl-ibħra internazzjonali u fl-ispazju tal-ajru mal-fruntieri marittimi u tal-ispazju tal-ajru tal-UE li hu magħruf li huma abbużati, bl-għan li jiġu interċettati qabel ma jaslu jew malli jaslu fl-ewwel port tad-dħul tagħhom fl-UE, għandhom jissaħħu u jiġu estenzi. L-ispazju

⁵ L-avjazzjoni tkopri t-trasport skedat bl-ajru, inkluż it-titjiriet tal-passiġġieri u tal-merkanzija li joperaw fuq rotot skedati regolament, u l-avjazzjoni ġenerali, li tinkludi t-titjiriet kummerċjali u ċivili privati l-oħra kollha.

⁶ EMCDDA u Europol, EU Drug Markets – Impact of COVID-19 (Is-Swieq tad-Drogi fl-UE – L-Impatt tal-COVID-19), Mejju 2020.

tal-avjazzjoni ġenerali wkoll joħloq riskju għas-sigurtà tal-UE u qed jintuża dejjem aktar mit-traffikanti tad-droga, filwaqt li għadu mhux sorveljat biżżejjed.

Prijorità strateġika 3: Indirizzar tal-isfruttar tal-kanali loġistiċi u diġitali għad-distribuzzjoni tad-drogi illeċiti f'volum medju u żgħir u ż-żieda tal-qabdi ta' kuntrabandu ta' sustanzi illeċiti f'dawn il-kanali f'kooperazzjoni msaħħa mas-settur privat

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 3.1. Indirizzar tas-swieq tad-droga illeċiti diġitalizzati.
- 3.2. Jitqiegħed fil-mira t-traffikar tad-drogi permezz ta' servizzi postali u rapidi.
- 3.3. Jissaħħu l-metodi ta' monitoraġġ u investigazzjoni tal-kanali ferrovjarji u tax-xmajjar trans-UE u l-ispazju tal-avjazzjoni ġenerali.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 3.1. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-indirizzar taż-żieda fil-bejgħ tad-drogi illeċiti, inkluż is-SPĠ, permezz ta' pjattaformi tal-media soċjali, apps, swieq fuq l-internet/darknet, l-użu ta' pagamenti online (inkluż kriptovaluti) u komunikazzjoni diġitali kriptata. L-involvement mas-settur privat għandu jissaħħa f'dan ir-rigward.
- 3.2. It-traffikar tad-drogi permezz ta' servizzi postali u rapidi għandu jkun fil-mira, filwaqt li tingħata attenzjoni wkoll lill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ monitoraġġ aktar strett tal-konsenji li jkun fihom sustanzi illeċiti f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi postali u rapidi. Ir-rwol tat-teknoloġiji l-ġodda u tal-intelliġenza artifiċjali fit-titjib tal-kontrolli u tal-proċeduri li jinkludu l-valutazzjoni tar-riskju ta' oġġetti postali⁷ jista' jiġi eżaminat, bil-possibbiltà li tiġi implimentata b'mod sħiħ data elettronika avvanzata dwar l-oġġetti kollha li jiġu mill-pajjiżi ta' oriġini (internazzjonali u fl-UE).

⁷ Oġġetti postali: oġġetti indirizzati li jkun ser jinġarr minn fornitur tas-servizz postali fil-forma finali tiegħu. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza, dawn l-oġġetti jinkludu wkoll, pereżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru.

3.3. Il-konnessjoni tat-trasport ferrovjarju transfruntiera u l-kanali tax-xmajjar kif ukoll l-ispazju tal-avjazzjoni ġenerali jistgħu jiġu sfruttati bħala kanali possibbli għat-traffikar tad-droga u bħalissa mhumiex immonitorjati biżżejjed mis-servizzi tal-infurzar tal-liġi. Hemm bżonn ta' aktar għarfien sabiex jissaħħu l-metodi ta' monitoraġġ u ta' investigazzjoni ta' portijiet tal-baħar u portijiet tax-xmajjar iżgħar, ta' ajrudromi żgħar jew lokali, u ta' stazzjonijiet tal-ferrovija.

Prijorità strateġika 4: Żmantellar tal-produzzjoni ta' drogi illeċiti u l-ġlieda kontra l-kultivazzjoni illeċita; prevenzjoni tad-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga għall-produzzjoni ta' drogi illeċiti; u indirizzar tal-ħsara ambjentali

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 4.1. Il-ġlieda kontra l-produzzjoni illeċita tad-drogi sintetiċi u l-kultivazzjoni illeċita tad-drogi.
- 4.2. Indirizzar tad-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga u l-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi alternattivi⁸.
- 4.3. Indirizzar tal-kriminalità ambjentali relatata mal-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 4.1. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jagħmlu aktar sforzi sabiex jiskopru u jżmantellaw l-laboratorji illeċiti tad-droga sintetika u biex iwaqqfu l-esportazzjoni tad-drogi illeċiti prodotti fl-UE. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u korpi kompetenti oħra għandhom ukoll isaħħu l-miżuri biex tiġi indirizzata l-kultivazzjoni illeċita tad-drogi.
- 4.2. Kwistjonijiet relatati mad-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga u mal-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi alternattivi jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell Ewropew u dak internazzjonali.

⁸ It-terminu sustanzi kimiċi alternattivi jkopri l-firxa wiesgħa ta' sustanzi li kemm fir-rapporti uffiċjali kif ukoll f'dawk mhux uffiċjali jsiru referenzi differenti għalihom bħala "prekursur tad-disinjatur", "prekursur moħbi", "preprekursur" jew "droga moħbija", EMCDDA, Drug Precursor Development in the European Union (Żvilupp tal-Prekursuri tad-Droga fl-Unjoni Ewropea), 2019, paġna 2.

4.3. Il-kriminalità ambjentali relatata mal-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti teħtieġ li tiġi indirizzata. Fir-rigward tal-ħsara ambjentali, huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-impatti ambjentali, il-perikli għas-saħħa u l-ispejjeż assoċjati mal-iskart kimiku ġġenerat mill-produzzjoni illeċita tad-droga sintetika, kif rikonoxxut ukoll fl-EMPACT. F'dan il-kuntest, għandhom jitqiesu wkoll l-aspetti marbuta mal-immaniġġar u l-qerda tad-drogi illeċiti konfiskati, tal-prekursuri u ta' sustanzi kimiċi oħra u ta' tagħmir użati fil-produzzjoni ta' drogi illeċiti, kif ukoll ir-rimi ekoloġiku tal-iskart b'riżultat ta' dan.

II. TNAQQIS FID-DOMANDA GĦAD-DROGI: PREVENZJONI, TRATTAMENT U SERVIZZI TA' KURA

It-tnaqqis fid-domanda għad-drogi jikkonsisti f'firxa ta' miżuri tal-istess importanza li jsaħħu lil xulxin , li jinkludu l-prevenzjoni (ambjentali, universali, selettiva u indikata), il-kxif u l-intervent minn kmieni, pariri u gwida, it-trattament, ir-riabilitazzjoni, ir-riintegrazzjoni soċjali, u l-irkupru.

Fil-qasam tat-tnaqqis tad-domanda għad-drogi, l-oġettiv tal-Istrateġija huwa li tikkontribwixxi għall-iżvilupp san u sikur tat-tfal u ż-żgħażaġh u għat-tnaqqis fl-użu ta' drogi illeċiti. Għandha wkoll l-għan li tgħolli l-età tal-ewwel użu, tipprevjeni u tnaqqas l-użu problematiku tad-drogi, tittratta d-dipendenza fuq id-droga, tipprevedi l-irkupru u r-riintegrazzjoni soċjali permezz ta' approċċ integrat, multidixxiplinari u bbażat fuq l-evidenza, u billi tippromwovi u tissalvagwardja l-koerenza bejn il-politiki tas-saħħa, soċjali u tal-ġustizzja.

Prijorità strateġika 5: Prevenzjoni tal-użu tad-droga u sensibilizzazzjoni dwar l-effetti negattivi tad-drogi

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 5.1. Provvista, implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' interventi u strateġiji ambjentali u universali ta' prevenzjoni bbażati fuq l-evidenza u l-implimentazzjoni tagħhom għall-gruppi u l-ambjenti rilevanti fil-mira sabiex tiżdied ir-reżiljenza u jissaħħu l-ħiliet għall-ħajja u l-għażliet għal ħajja b'saħħitha.
- 5.2. Provvista, implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' interventi ta' prevenzjoni mmirati bbażati fuq l-evidenza għaż-żgħażaġh u gruppi vulnerabbli oħra.
- 5.3. Provvista, implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' miżuri ta' intervent bikri bbażati fuq l-evidenza.
- 5.4. Tixrid tal-aħħar evidenza xjentifika dwar il-prevenzjoni lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-prattikanti, u li dawn jiġu mħarrġa.
- 5.5. Indirizzar tas-sewqan taħt l-effett tad-droga.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 5.1. L-implimentazzjoni wiesgħa ta' interventi u strateġiji ambjentali u universali ta' prevenzjoni bbażati fuq l-evidenza, inkluż dawk li jibnu r-reżiljenza, li jżidu l-litteriżmu dwar is-saħħa u li jippromwovu l-ħiliet għall-ħajja u l-opportunitajiet għall-għażla ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, hija importanti għall-kisba tas-saħħa u l-benesseri għall-individwi kollha. Barra minn hekk, programmi bbażati fuq l-evidenza li għandhom lill-familji fil-mira tagħhom għandhom ukoll jiġu implimentati aktar, fejn meħtieġ.

5.2. Miżuri bbażati fuq l-evidenza għandhom ikunu disponibbli u implimentati għall-appoġġ ta' persuni li jesperjenzaw żvantaġġi partikolari u multipli u li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għar-riskji assoċjati mal-użu tad-drogi, inkluż l-użu tas-SPĠ, u għall-iżvilupp ta' mudelli riskjużi tal-użu tad-drogi. Il-prevenzjoni effettiva għandha tkun adatta għall-kuntest soċjali lokali u għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni fil-mira, tkun infurmata b'evidenza xjentifika, u tkun sikura u effettiva. Sabiex jintlaħqu ż-żgħażaġh, għandu jsir użu sħiħ minn kanali ta' komunikazzjoni diġitali ġodda u innovattivi. Il-miżuri implimentati għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza u għandhom jappoġġaw ir-relazzjonijiet pożittivi taż-żgħażaġh ma' sħabhom u mal-adulti. Grupp importanti fil-mira għall-attivitajiet ta' prevenzjoni ser ikun dak taż-żgħażaġh f'diversi kuntesti, fosthom l-iskejjel, il-familji, id-divertiment notturn, il-post tax-xogħol, il-komunità u l-internet u l-media soċjali. Madankollu, għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lil dawk il-gruppi li ġew identifikati bħala partikolarment vulnerabbli għall-użu tad-droga skont ir-riċerka Ewropea, nazzjonali u lokali rilevanti.

5.3. Il-provvista u, fejn meħtieġ, iż-żieda fid-disponibbiltà ta' miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-iżvilupp ta' disturbi gravi relatati mal-użu tad-drogi permezz ta' interventi bikrija mmirati kif xieraq għal persuni friskju ta' tali progressjoni, anke billi tkun iffaċilitata l-kollaborazzjoni fost il-partijiet kkonċernati kollha, inkluż il-ġenituri u l-familji, dawk li jaħdmu fl-edukazzjoni jew fl-appoġġ tal-familja, in-networks, is-servizzi taż-żgħażaġh, l-għaqdiet tal-istudenti, l-organizzazzjonijiet sportivi u n-networks ta' persuni li jieħdu d-drogi. Huwa essenzjali li jsir użu aħjar mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa primarja sabiex tittejjeb l-identifikazzjoni tal-użu problematiku u jiġu offruti interventi qosra bikrija.

5.4. L-istandards Ewropej ta' kwalità għall-prevenzjoni tad-droga (EDPQS), l-Istandards Internazzjonali tal-UNODC/WHO dwar il-Prevenzjoni tal-Użu tad-Droga u l-Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni (EUPC) jiġbru l-aħħar evidenza xjentifika. Huwa importanti li dawn l-għodod jinxterdu u jiġu promossi għall-prevenzjoni u t-taħriġ ibbażati fuq l-evidenza fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-mexxejja tal-opinjonijiet u l-prattikanti u li jiġi allokat biżżejjed finanzjament għal miżuri bħal dawn.

5.5. Il-prevenzjoni ta' sewqan taħt l-effett tad-drogi u inċidenti kkawżati minn persuni taħt l-effett tad-drogi għandhom jitqiegħdu taħt il-lenti. B'mod partikolari, hemm bżonn ta' sensibilizzazzjoni sabiex jiġu enfasizzati r-riskji tas-sewqan taħt l-effett tad-drogi. Dan il-qasam jeħtieġ aktar riċerka u żvilupp biex jiġu identifikati u evalwati risponsi ta' politika u operazzjonali effettivi, fosthom l-iżvilupp ta' metodi aktar aċċessibbli għall-ittestjar fil-ġenb tat-triq għall-qbid tad-drogi.

Prijorità strateġika 6: Jiġi żgurati it-trattament u s-servizzi ta' kura u jiżied l-aċċess għalihom

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 6.1. Żgurar ta' aċċess volontarju għal trattament u servizzi ta' kura li jaħdmu f'koordinazzjoni u kollaborazzjoni mill-qrib ma' servizzi oħra ta' appoġġ soċjali u tas-saħħa.
- 6.2. Promozzjoni ta' ħidma bejn il-pari.
- 6.3. Identifikazzjoni tal-ostakli għall-aċċess għat-trattament u rimedju għalihom, u żgurar fejn meħtieġ tal-estensjoni tal-kopertura tas-servizzi ta' trattament u ta' kura abbażi tal-ħtiġijiet individwali.
- 6.4. Tnaqqis tal-istigma.
- 6.5. Implimentazzjoni wiesgħa tat-trattament u l-kura li jindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa.
- 6.6. Implimentazzjoni ta' mudelli ta' kura li huma xierqa għal gruppi bi bżonnijiet ta' kura speċjali.
- 6.7. Provvista u, fejn meħtieġ, titjib fl-aċċess għal sustanzi għal skopijiet mediċi u xjentifiċi, kif ukoll id-disponibbiltà u l-użu xieraq tagħhom.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 6.1. Żgurar ta' aċċess volontarju u nondiskriminatorju għal firxa wiesgħa ta' servizzi effettivi bbażati fuq l-evidenza, inkluż pariri u gwida professjonali, trattament psikosoċjali, ta' mġiba u assistit mill-mediċina, inkluż it-terapija ta' manutenzjoni tal-opjojdi ċċentrata fuq il-persuna, ir-riabilitazzjoni, ir-riintegrazzjoni soċjali u l-programmi ta' appoġġ għall-irkupru. Dawn is-servizzi jeħtieġ li jkunu kkoordinati sew u jeħtieġ li jaħdmu id f'id ma' servizzi oħra soċjali, tas-saħħa, tal-impjiegi u taż-żgħażaġħ sabiex jipprovdu l-firxa sħiħa tal-kura u jkunu effettivi kemm jista' jkun u ffukati fuq il-bżonnijiet individwali u d-disturbi eżistenti ta' komorbidità.

It-taħriġ għall-persunal għandu jiġi żviluppat abbażi ta' miżuri bbażati fuq l-evidenza. Għandhom jiġu implimentati servizzi ta' pariri u gwida u ta' trattament ibbażat fuq l-evidenza li jindirizzaw l-użu polidroga u l-bżonnijiet speċifiċi taż-żgħażaġħ li jużaw id-drogi u tal-familji tagħhom.

- 6.2. Is-sensibilizzazzjoni bil-metodu tal-imġarrab u l-ħidma fi gruppi ta' pari għandhom jiġu rikonoxxuti bħala komponent ewlieni tal-pjan ta' kura ta' persuna li tuża d-drogi, billi jippromwovu l-awtonomija, l-emanċipazzjoni u r-rikonoxximent tal-għarfien espert u l-esperjenza tal-imġarrab. Il-ħidma bil-metodu tal-imġarrab għandha tiġi promossa bħala mezz għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-għoti ta' appoġġ u ż-żieda tas-sensibilizzazzjoni għal informazzjoni rilevanti lill-komunità ta' persuni li jużaw id-drogi.
- 6.3. L-ostakli għall-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ u għat-trattament jeħtieġ li jiġu indirizzati u għandu jiġi żgurat li l-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali jkunu disponibbli biżżejjed, iffinanzjati biżżejjed u adatti għall-bżonnijiet tal-gruppi ta' klijenti tagħhom u li dawn iqisu l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dan jista' jinkludi wkoll offerti tas-saħħa elettronika, speċjalment fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, l-ostakli għall-aċċess għandhom jitnaqqsu fir-rigward tal-karatteristiċi ewlenin tal-grupp fil-mira, bħall-fatturi demografiċi (pereżempju l-età, il-ġeneru, l-edukazzjoni, il-kuntest kulturali), il-fatturi tas-sitwazzjoni (pereżempju l-faqar, iċ-ċirkostanzi tal-familja, iċ-ċirku soċjali, in-nuqqas ta' dar, il-migrazzjoni, il-priġunerija), u l-fatturi personali (pereżempju s-saħħa fiżika u mentali, id-diżabbiltà, il-benesseri psikoloġiku).
- 6.4. L-istigmatizzazzjoni marbuta mal-użu tad-drogi u d-disturbi relatati mal-użu tad-droga għandha tiġi indirizzata, speċjalment peress li din l-istigma jista' jkollha effetti detrimentali fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-persuni li jużaw id-drogi u tista' taġixxi wkoll bħala ostaklu biex jinkiseb appoġġ. F'dan ir-rigward, waqt l-iżvilupp tal-politiki għandha titqies b'mod partikolari l-inklużjoni ta' persuni li ġarrbu stigma minħabba d-droga.

- 6.5. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġu identifikati u indirizzati aħjar l-ostakli li n-nisa jiffaċċjaw biex jidħlu f'kuntatt mas-servizzi ta' pariri u gwida, ta' kura u ta' riabilitazzjoni u jibqgħu involuti fihom. Dawn l-ostakli jinkludu l-vjolenza domestika, it-trawma, l-istigma, problemi tas-saħħa fiżika u mentali, kwistjonijiet relatati mat-tqala u mal-indukrar tat-tfal, li jistgħu lkoll jkunu aggravati minn fatturi demografiċi, soċjoekonomiċi, tas-sitwazzjoni u dawk personali. Biex is-servizzi jingħataw b'mod effettiv għandhom ikunu sensittivi għall-ħtiġijiet speċifiċi u għall-esperjenzi tal-ħajja tan-nisa bi problemi tal-użu tad-drogi, u għandhom jirrikonoxxu li x-xejriet tal-użu tad-droga u tal-problemi tad-droga jistgħu jvarjaw minn dawk li jesperjenzaw l-irġiel. Għandhom jiġu żviluppatti għażliet ta' servizzi għan-nisa biss, kif ukoll servizzi li jieħdu ħsieb it-tfal li jakkumpanjawhom u li joffru forum oħra ta' kura speċjalizzata, bħal sħubijiet ta' ħidma mill-qrib ma' fornituri tal-kura u ma' servizzi li jaħdmu ma' nisa vulnerabbli u ma' vittmi ta' vjolenza domestika.
- 6.6. Għandha tiġi rikonoxxuta d-diversità evidenti fost persuni li jużaw id-droga u għandhom jittieħdu passi sabiex jingħataw servizzi li jistgħu jindirizzaw din id-diversità u jirriflettu l-bżonnijiet ta' gruppi differenti fir-rigward tal-użu problematiku tad-droga. Gruppi speċifiċi ta' persuni li jużaw id-droga u li għandhom disturbi relatati mal-użu tad-droga li jinvolvu bżonnijiet ta' kura potenzjalment aktar kumplessi jew speċifiċi jinkludu: tfal u żgħażaġh, persuni akbar fl-età bi storja ta' użu u dipendenza fit-tul tad-droga, persuni bi problemi ta' saħħa mentali komorbidi, persuni LGBTI, persuni b'użu polidroga, persuni li jużaw id-droga u huma wkoll ġenituri, persuni b'diżabbiltà, minoranzi etniċi, migranti, refuġjati, dawk li jfittxu l-ażil, persuni involuti f'xogħol tas-sess u l-prostituzzjoni u persuni bla dar. L-involvement effettiv ta' dawn il-gruppi jeħtieġ ukoll mudelli ta' kura li jagħrfu l-ħtieġa ta' sħubijiet bejn servizzi differenti bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa, taż-żgħażaġh u dik soċjali, u l-gruppi tal-pazjenti/persuni li jindukraw.
- 6.7. In-nuqqas ta' aċċess għal sustanzi kkontrollati għal skopijiet mediċi u xjentifiċi u tad-disponibbiltà taġħhom huwa kawża ta' tbatija umana bla bżonn u mhuxwix f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Fl-istess ħin, hemm riskju reali ta' użu ħażin u ta' devjazzjoni ta' dawn is-sustanzi. L-użu xieraq ta' dawn is-sustanzi huwa għalhekk imperattiv. Jeħtieġ li jiġi promoss u implimentat approċċ bilanċjat li jiffoka kemm fuq il-kwistjonijiet sistemiċi, legali u finanzjarji kif ukoll fuq il-forniment ta' attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u ta' sensibilizzazzjoni.

III. INDIRIZZAR TAL-ĦSARA RELATATA MAD-DROGA

L-użu tad-drogi jista' jikkawża ħsara soċjali u għas-saħħa lil dawk li jeħduhom iżda wkoll lill-familja tagħhom u lill-komunità inġenerali. Għalhekk, dan il-kapitolu jiffoka fuq miżuri u politiki li jipprevjenu jew inaqqsu r-riskji u l-ħsara soċjali u għas-saħħa possibbli għal dawk li jieħdu d-droga, għas-soċjetà u f'ambjent ta' ħabs. Meta jiġu implimentati dawn il-miżuri u l-politiki jridu jitqiesu l-ħtiġijiet nazzjonali u l-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali, hemm probabbiltà akbar li l-priġunieri jkunu użaw id-drogi, u hemm ukoll probabbiltà akbar li l-priġunieri jkunu involuti f'forom riskjużi ta' użu, bħall-użu tad-droga injettata. Sa 70 % tal-priġunieri Ewropej użaw droga illeċita⁹. Il-problemi ta' droga jistgħu jmorru għall-agħar f'ambjent ta' ħabs minħabba d-diffikultajiet biex wieħed jiffaċċa l-inkarċerazzjoni u d-disponibbiltà tad-drogi, inkluż is-SPĠ. Fl-istess ħin, il-priġunerija tista' tipprovdi opportunità għat-trattament u r-riabilitazzjoni.

Prijorità strateġika 7: Interventi għat-tnaqqis tar-riskju u l-ħsara u miżuri oħra għall-protezzjoni u l-appoġġ ta' persuni li jużaw id-drogi

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 7.1. Tnaqqis tal-prevalenza u inċidenza tan-numru ta' mard infettiv relatat mad-drogi u eżiti negattivi oħra tas-saħħa u dawk soċjali.
- 7.2. Prevenzjoni ta' doża eċċessiva u mwiet relatati mad-droga.
- 7.3. Promozzjoni tal-parteciġazzjoni tas-soċjetà ċivili u żgurar ta' finanzjament sostenibbli.
- 7.4. Provvista ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi.

⁹ EMCDDA "Prison topics page" (paġna dwar suġġetti relatati mal-priġunerija), https://www.emcdda.europa.eu/topics/prison_en

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 7.1. Jeħtieġ li jinżammu d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-kopertura ta' servizzi għat-tnaqqis tar-riskji u l-ħsara u, fejn meħtieġ, jittejbu. Għandu jiġi implimentat ukoll taħriġ dwar miżuri bbażati fuq l-evidenza. Dawk is-servizzi għandhom ikunu ggwidati mill-istandards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi fl-UE. Huwa neċessarju li jiġi pprevenut u ttrattat aktar il-mard infettiv li jinġarr fid-demmi, speċjalment l-HIV u l-Epatite C (HCV), u li jintlaħqu popolazzjonijiet b'riskju għoli u li dawn jitpoġġew f'kontatt ma' servizzi ta' kura u servizzi oħra ta' appoġġ. L-Istati Membri tal-UE jimplementaw programmi ta' labar u siringi, marbuta ma' servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa bi threshold baxx, trattamenti b'agonist tal-opjojde, u interventi aċċessibbli għall-ittestjar volontarju u t-trattament tal-HIV u l-HCV biex jipprevjenu l-infezzjonijiet li jinġarru fid-demmi fost dawk li jinnettaw id-droga. Barra minn hekk, l-Istati Membri applikaw diversi miżuri innovattivi għat-tnaqqis tar-riskji u l-ħsara biex jilħqu lill-popolazzjonijiet b'riskju għoli, pereżempju faċilitajiet għall-konsum tad-droga taħt superviżjoni, bil-għan li jnaqqsu r-riskji u l-ħsara u jpoġġu lill-gruppi l-aktar vulnerabbli f'kontatt mas-servizzi tal-kura. Barra minnek, servizzi bi threshold baxx, ħidma ta' outreach u kooperazzjoni ma' nies li jużaw id-drogi u l-familji tagħhom huma wkoll essenzjali għat-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq is-saħħa u l-aspett soċjali tal-użu tad-droga.
- 7.2. Fir-risponsi attwali huma nieqsa miżuri effettivi għall-prevenzjoni ta' dożi eċċessivi ta' droga. Għaldaqstant, l-użu tan-nalossin, antagonista tal-opjojde, inkluż programmi għat-teħid tan-nalossin id-dar, għandu jiġi investigat u implimentat aktar bħala rispons jew intervent f'każijiet ta' dożi eċċessivi. Barra minn hekk, tenħtieġ evidenza ulterjuri dwar faċilitajiet għall-konsum tad-droga taħt superviżjoni li għandhom l-għan li jipprevjenu l-imwiet relatati mad-droga. Is-servizzi ta' droga jaqdu wkoll rwol importanti fil-prevenzjoni tal-mortalità relatata mad-droga. Għandhom jiġu kkunsidrati miżuri ġodda. Pereżempju, għandhom jiġu żviluppati u ttestjati approċċi innovattivi għall-persuni li jieħdu drogi stimulanti u għaż-żgħażagħ li jmorru n-nightclubs u l-festini. Barra minn hekk, għandhom jinżammu l-innovazzjonijiet effettivi f'servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara li ġew evalwati b'mod pożittiv u li dehru f'xi Stati Membri bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. Il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-imwiet madwar l-UE minħabba doża eċċessiva jeħtieġu titjib ulterjuri. L-imwiet minħabba doża eċċessiva għandhom ikunu indikatur ewlieni għall-kejl tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

7.3. Sabiex ikun hemm tnaqqis b'suċċess tar-riskji u l-ħsara assoċjati mal-użu tad-drogi, huwa kruċjali li l-parteċipazzjoni u l-involvement b'mod attiv u sinifikanti tas-soċjetà ċivili jiġu promossi u mħeġġa, u dan jgħodd għall-organizzazzjonijiet nongovernattivi, iż-żgħażaġh, in-nies li jużaw id-drogi, il-klijenti ta' servizzi relatati mad-drogi, il-komunità xjentifika u esperti oħra fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki dwar id-drogi. Hu wkoll imperattiv li jiġi previst livell xieraq ta' riżorsi għas-servizzi kollha ta' droga fuq il-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

7.4. Għalkemm l-Istati Membri jużaw il-koll mill-inqas alternattiva waħda għal sanzjonijiet koercittivi¹⁰ għal trasgressuri li jieħdu d-droga u għal persuni arrestati, akkużati b'reati relatati mad-droga jew ikkundannati għalihom jew għal persuni li jinstabu fil-pussess ta' drogi għall-użu personali, għandu jsir progress fit-tiħih tal-isforzi u fl-integrazzjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi¹¹. F'dan ir-rigward, il-konsum tad-droga u/jew il-pussess tad-droga għall-użu personali jew il-pussess ta' ammonti żgħar ma jikkostitwux reat kriminali f'ħafna Stati Membri, jew hemm l-għażla li ma jiġux imposti sanzjonijiet kriminali. F'dan il-qasam huma meħtieġa data aktar komprensiva u fil-fond, u skambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.

¹⁰ It-terminu "alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi" jista', skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, jirreferi wkoll għall-alternattivi li jintużaw minflok il-miżuri tradizzjonali tal-ġustizzja kriminali, jew flimkien magħhom, għal trasgressuri li jieħdu d-droga.

¹¹ Alternattivi għal miżuri koerċittivi huma definiti bħala miżuri li għandhom xi element riabilitattiv jew li jikkostitwixxu nonintervent (pereżempju, deċiżjoni li ma ssirx akkuża jew prosekuzzjoni), u dawk użati minflok ħabs jew pieni oħra (pereżempju, sentenza sospiża b'kura għad-droga). Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi (6931/18).

Prijorità strateġika 8: Indirizzar tal-ħtiġijiet soċjali u tas-saħħa tal-persuni li jieħdu d-drogi f'ambjent ta' ħabs u wara li jinħelsu

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 8.1. Żgurar tal-ekwivalenza u l-kontinwità tal-provvediment tal-kura tas-saħħa fil-ħabs u mis-servizzi tal-probazzjoni.
- 8.2. Implimentazzjoni ta' miżuri f'ambjent ta' ħabs ibbażati fuq l-evidenza biex jiġi pprevenut u jitnaqqas l-użu tad-drogi u l-konsegwenzi tiegħu fuq is-saħħa, inkluż miżuri biex jiġu indirizzati r-riskju ta' mwiet relatati mad-droga u t-trażmissjoni ta' viruses li jinġarru fid-demmi.
- 8.3. Provvediment ta' prevenzjoni ta' dożi eċċessivi u servizzi ta' riferiment biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura mal-ħelsien.
- 8.4. Restrizzjoni tad-disponibbiltà ta' drogi fil-ħabsijiet.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 8.1. Servizzi ta' kura għad-droga, inkluż it-trattament b'agonist tal-opjojde, ir-riabilitazzjoni u l-irkupru għal trasgressuri li jieħdu d-droga, kif ukoll dispożizzjonijiet biex titnaqqas l-istigma, jenħtieġ li jiġu pprovduti fil-ħabsijiet tal-irġiel u n-nisa u wara l-ħelsien, flimkien ma' appoġġ għar-riintegrazzjoni soċjali. L-iżvilupp ta' mudell ta' firxa sħiħa ta' kura adattat għal kull Stat Membru u għall-ambjent ta' ħabs u għas-servizz tal-probazzjoni huwa essenzjali biex il-priġunieri jkunu jistgħu jaċċessaw il-firxa ta' servizzi ta' appoġġ li għandhom bżonn sabiex jilhqqu l-għanijiet tagħhom ta' rkupru personali meta jidħlu l-ħabs u waqt li jkunu l-ħabs. Bl-istess mod, wara li jinħelsu l-priġunieri għandhom jiġu appoġġati billi jingħataw aċċess għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u l-appoġġ għar-riintegrazzjoni fis-soċjetà. Huwa essenzjali li jingħataw aċċess kontinwu għal servizzi ta' droga bbażati fuq l-evidenza, ekwivalenti għal dawk mogħtija fil-komunità.

- 8.2. Il-prevenzjoni tal-użu ta' drogi u tat-trażmissjoni ta' infezzjonijiet li jinġarru fid-demmm f'ambjent ta' kustodja kemm permezz ta' miżuri preventivi bbażati fuq l-evidenza kif ukoll permezz ta' miżuri għat-tnaqqis tar-riskji u l-ħsara, implimentati minn persunal jew pari mħarrġa sew, hija parti minn strateġija komprensiva. L-għoti ta' aċċess għall-ittestjar għal infezzjonijiet li jinġarru fid-demmm u t-trattament tagħhom, u miżuri oħra li jnaqqsu r-riskji għas-saħħa assoċjati mal-użu tad-droga għandhom jiġu kkunsidrati għall-ambjent ta' ħabs bl-istess mod kif isir fil-komunità.
- 8.3. Mal-ħelsien, sabiex jitnaqqsu d-dożi eċċessivi u l-mortalità relatata mad-drogi, taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar dożi eċċessivi jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni fejn possibbli, u dan flimkien mad-distribuzzjoni tan-naloss li jittieħed id-dar.
- 8.4. It-tfixkil tal-kanali li jfornu drogi illeċiti u SPĠ fil-ħabsijiet għandu jkun prijorità. Użu aħjar tal-istrumenti eżistenti bħall-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-kondiviżjoni u l-ipproċessar ta' informazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-użu tal-intelligence u l-ittestjar tad-droga jistgħu jiffurmaw il-bażi għal intervent effettiv.

IV. KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Prijorità strateġika 9: Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi, reġjuni, organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, u fuq livell multilaterali biex jiġu segwiti l-approċċ u l-oġġettivi tal-Istrateġija, inkluż fil-qasam tal-iżvilupp. Titjib tar-rwol tal-UE bħala medjatur globali għal politika dwar id-drogi ċċentrata fuq in-nies u orjentata lejn id-drittijiet tal-bniedem

Minħabba n-natura globali tal-fenomeni tad-drogi, id-dimensjonijiet interni u esterni tal-politika tal-UE dwar id-drogi huma dejjem aktar interkonnessi. Għaldaqstant, tenħtieġ kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu segwiti l-approċċ u l-oġġettivi tal-Istrateġija. Din għandha tirrifletti l-approċċ integrat, multidixxiplinari, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza tal-UE li huwa deskritt fl-Istrateġija. Hija tikkontribwixxi wkoll għall-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-impenji meħuda mill-UE fuq il-livell internazzjonali. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 għandhom jiggwidaw l-iżvilupp tal-politika internazzjonali dwar id-drogi.

Ir-relazzjonijiet esterni tal-UE fil-qasam tad-drogi huma bbażati fuq il-prinċipji tar-responsabbiltà kondiviża, tal-multilateraliżmu, tal-promozzjoni ta' approċċ orjentat lejn l-iżvilupp, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tar-rispett għall-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-kontroll tad-droga.

Għandha tiġi appoġġata bis-sħiħ l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Eżitu tal-UNGASS tal-2016 u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Il-pożizzjoni komuni tas-sistema tan-NU li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika internazzjonali għall-kontroll tad-droga permezz ta' kollaborazzjoni effettiva bejn l-aġenziji, kif ukoll il-Linji Gwida Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Politika dwar id-Drogi, huma linji gwida importanti għall-politika internazzjonali dwar id-drogi. Bl-istess mod, l-involviment kontinwu tas-soċjetà ċivili u tal-komunità xjentifika huwa ta' importanza kbira għall-UE, peress li dawn jaqdu rwol kruċjali fil-valutazzjoni u l-indirizzar tas-sitwazzjoni dinjija tad-droga.

Barra minn hekk, għandha tiġi ggarantita l-integrazzjoni tal-Istrateġija u l-objettivi tagħha fil-qafas ġenerali tal-politika barranija tal-UE bħala parti minn approċċ komprensiv li jagħmel użu sħiħ mid-diversità ta' politiki u strumenti diplomatiċi, politiċi u finanzjarji għad-dispożizzjoni tal-UE b'mod koerenti u kkoordinat. B'mod partikolari dan jeħtieġ li l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tad-drogi tiġi integrata fir-relazzjonijiet politiċi ġenerali u l-ftehimiet qafas bejn l-UE u s-sħab tagħha, kemm f'livell nazzjonali kif ukoll/jew f'dak reġjonali. Fejn xieraq, u bil-ħsieb li jissaħħaħ l-għarfien dwar il-valutazzjoni tat-treddid, forom ta' kooperazzjoni mal-istrumenti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) (bħal missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)) għandhom jintużaw fil-qafas tal-politiki eżistenti tal-UE. Ir-Rappreżentant Għoli, bl-appoġġ tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), għandu jiffaċilita dan il-proċess.

Oqsma prijorarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 9.1. Tiswir kontinwu tal-aġendi internazzjonali u multilaterali rigward il-politika dwar id-drogi.
- 9.2. Żgurar ta' livell sostenibbli ta' djalogu u ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-istrateġiji, l-għanijiet u l-inizjattivi rilevanti ma' pajjiżi terzi u reġjuni.
- 9.3. Trawwim ta' kooperazzjoni internazzjonali bl-involviment ulterjuri ta' aġenziji kompetenti tal-UE skont il-mandati rispettivi tagħhom.
- 9.4. Tkomplija u stabbiliment ta' programmi ġodda ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew reġjuni u sħab oħra abbażi ta' evalwazzjonijiet regolari ta' programmi bħal dawn.
- 9.5. Indirizzar tal-aspetti kollha ta' politika tal-Istrateġija fil-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż fl-oqsma tas-sigurtà u l-kooperazzjoni ġudizzjarja kif ukoll l-aspetti relatati mas-saħħa tal-kwistjonijiet fil-qasam tad-droga.
- 9.6. Tisħiħ tal-impenn għall-politiki dwar id-drogi orjentati lejn l-iżvilupp u miżuri ta' żvilupp alternattivi.
- 9.7. Protezzjoni u promozzjoni tal-osservanza tal-istandards u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki globali dwar id-drogi.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 9.1. Għandu jitkompla t-tiswir tal-aġendi internazzjonali u multilaterali dwar il-politika dwar id-drogi f'konformità mal-approċċ u l-oġettivi tal-Istrateġija. Dan jinkludi kooperazzjoni strateġika ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari mal-UNODC bħala l-entità ewlenija fis-sistema tan-NU għall-indirizzar u l-ġlieda kontra s-sitwazzjoni dinjija tad-droga, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-UE fil-proċessi ta' politika tan-NU, b'mod partikolari tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND) bħala l-korp prinċipali tat-tfassil tal-politika tan-NU bir-responsabbiltà ewlenija għall-kwistjonijiet fil-qasam tal-kontroll tad-droga, kif ukoll f'fora oħra tan-NU li jiffukaw fuq is-saħħa, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp.
- 9.2. Għandu jiġi żgurat livell sostenibbli ta' djalogu ta' politika u ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-istrateġiji, il-għanijiet u l-inizjattivi rilevanti permezz tad-djalogi dwar id-drogi ma' sħab internazzjonali, kemm f'livell reġjonali kif ukoll f'dak bilaterali. Dawn il-forom ta' djalogu huma element ewlieni tal-approċċ tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali. Is-sħab, li magħhom għandhom jitkomplew jew jinbdew djalogi dwar id-drogi, huma identifikati abbażi tar-rilevanza tagħhom fl-indirizzar tas-sitwazzjoni globali tad-droga u b'kont meħud tar-relazzjonijiet ġenerali tal-UE ma' daww is-sħab. Dawn id-djalogi għandhom ikunu komplementarji għal strutturi oħra ta' kooperazzjoni esterna u għall-impatt tagħhom u għandhom ikunu konsistenti magħhom u, fejn xieraq, għandhom jipprovdu forum għad-diskussjoni ta' prijoritajiet ta' kooperazzjoni u l-progress fi proġetti ffinanzjati mill-UE.
- 9.3. Kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tad-drogi għandha titrawwem billi l-aġenziji tal-UE, speċjalment il-Europol u l-EMCDDA skont il-mandati rispettivi tagħhom, jiġu involuti aktar f'sinerġija mal-ħidma ta' atturi internazzjonali, u billi dawn l-aġenziji jingħataw ir-riżorsi rilevanti meħtieġa għat-tisħiħ tar-rwol tagħhom u għat-twettiq tal-obbligi tagħhom f'konformità mal-Istrateġija.

9.4. L-inizjattivi u l-programmi ta' kooperazzjoni huma kruċjali biex ikomplu jissaħħu u jiġu appoġġati l-isforzi ta' pajjiżi terzi biex jindirizzaw il-kwistjonijiet fil-qasam tad-droga b'mod ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinarju u f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn jinkludu programmi mmirati biex jindirizzaw l-isfidi fl-oqsma tas-saħħa pubblika, l-iżvilupp, is-sikurezza u s-sigurtà . Għandu jiġi żgurat livell xieraq ta' finanzjament u ta' għarfien espert (ipprovdut mill-UE u l-Istati Membri tagħha), inkluż bit-tisħiħ tal-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-appoġġ finanzjarju u dak tekniku.

Dan għandu jinkludi wkoll appoġġ għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali, u għall-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, filwaqt li jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet kemm tal-politiki għat-tnaqqis tal-provvista u d-domanda kif ukoll dawk dwar id-drogi bbażati fuq l-evidenza, effettivi u bbilanċjati, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa li tinkludi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki tal-UE.

9.5. Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tad-drogi għandha tindirizza l-firxa sħiħa tal-aspetti tal-politika tal-Istrateġija, inkluż in-nisġa tal-aspetti relatati mas-sigurtà, l-iżvilupp u s-saħħa tal-kwistjonijiet fil-qasam tad-droga.

Din għandha tinkludi l-prevenzjoni tal-kriminalità marbuta mad-droga, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll l-indirizzar tar-rabtiet possibbli mat-terroriżmu u ma' forom oħra ta' kriminalità tranżnazzjonali, kif definiti fil-qafas legali tan-NU. L-indirizzar tal-produzzjoni tad-drogi f'pajjiżi sħab, f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-provvista u d-disponibbiltà tad-drogi fis-suq domestiku tal-UE. Waqt li jippromwovu u jappoġġaw il-kooperazzjoni internazzjonali ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-osservatorji tad-droga, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet rilevanti, il-miżuri f'din il-prijorità għandhom ifittxu kontinwament li jindirizzaw il-kawżi fundamentali u l-muturi ewlenin tal-kriminalità organizzata u għandhom isaħħu r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali.

Din għandha tinkludi wkoll l-indirizzar tal-aspetti tal-użu tad-droga relatati mas-saħħa, b'mod partikolari l-impatt tal-interventi għat-tnaqqis tad-domanda u l-provvista fuq persuni li jużaw id-drogi u fuq il-pubbliku. Dan jimplika l-promozzjoni tal-prevenzjoni, it-trattament, it-tnaqqis tar-riskji u l-ħsara u alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi u r-riintegrazzjoni soċjali f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, għandhom jiġu promossi aċċess akbar għal sustanzi kkontrollati għal skopijiet mediċi u xjentifiċi, u d-disponibbiltà tagħhom.

9.6. Il-kultivazzjoni ta' drogi illeċiti f'pajjiżi terzi b'implikazzjonijiet possibbli għall-UE, b'mod partikolari x-xaħxieħ għall-produzzjoni tal-eroina u l-pjanti tal-koka għall-produzzjoni tal-kokaina kif ukoll il-kannabis, għandha tiġi indirizzata wkoll b'impenn imġedded u qawwi għal miżuri ta' żvilupp alternattivi¹²: l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-ekonomiji tad-drogi illeċiti permezz ta' approċċ integrat li jgħaqqad l-isforzi dwar l-iżvilupp rurali, it-tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp soċjoekonomiku, il-promozzjoni tal-aċċess għall-art u għad-drittijiet tal-art, il-protezzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt, is-sigurtà u l-governanza tajba, fil-qafas tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u mal-impenn għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dawn l-isforzi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp għandhom jaderixxu mal-linji gwida u mal-istandards tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD.

Dawk il-miżuri għandhom jaderixxu wkoll mal-prinċipji tan-nonkondizzjonalità, tan-nondiskriminazzjoni u tas-sekwenzjar xieraq, filwaqt li s-suċċess ta' dawn l-interventi għandu jitkejjel bl-użu ta' indikaturi soċjoekonomiċi li jmorru lil hinn minn fokus esklussiv fuq indikaturi tal-monitoraġġ tal-kultivazzjoni tad-drogi illeċiti, biex b'hekk tiġi żgurata s-sjieda fost il-komunitajiet fil-mira.

Dan jinkludi r-rikonossiment ta' interventi tal-politika dwar id-drogi ffukati fuq l-iżvilupp bħala mezz leġittimu biex jiġu indirizzati fenomeni bħat-traffikar tad-droga u s-swieq urbani tad-droga fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

¹² Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2018 dwar l-Iżvilupp Alternattiv: "Lejn fehim għid tal-Iżvilupp Alternattiv u interventi marbuta miegħu ta' politika dwar id-drogi bl-iżvilupp fil-qalba tagħhom – il-kontribut għall-implimentazzjoni ta' UNGASS 2016 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU" (14338/18).

9.7. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fl-azzjoni esterna tal-UE dwar kwistjonijiet fil-qasam tad-droga u jkunu objettiv speċifiku ta' din l-azzjoni, inkluż l-involviment fuq livell multilaterali, id-djalogi politiċi u l-implimentazzjoni u t-twettiq ta' programmi u proġetti rilevanti fil-qasam tad-droga. Dan jinkludi r-rispett tal-prinċipju ta' rispons adegwat, proporzjonat u effettiv għal reati relatati mad-droga, kif enfasizzat fid-dokumenti kollha tan-NU dwar il-politika dwar id-drogi. L-UE hija opposta b'mod qawwi u inekwivoku għall-użu tal-piena tal-mewt f'kull ħin u fiċ-ċirkostanzi kollha. Il-piena kapitali tikser id-dritt inaljenabbli għall-ħajja u hija inkompatibbli mad-dinjità tal-bniedem. Hija ma sservix ta' deterrent għall-kriminalità u tagħmel kwalunkwe nuqqas ta' ġustizzja irriversibbli. L-applikazzjoni tal-piena tal-mewt għal reati relatati mad-droga tikser ukoll l-Artikolu 6 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi¹³. Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, inaljenabbli, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, inkluż fil-kuntesti tal-politika dwar id-drogi, l-assistenza għall-iżvilupp, il-kura tas-saħħa, u l-ġustizzja kriminali¹⁴.

¹³ F'pajjiżi li ma abolixxewx il-piena tal-mewt, il-piena tal-mewt tista' tiġi imposta biss għall-aktar delitti serji li jkunu delitti intenzjonati b'konsegwenzi letali jew konsegwenzi oħra estremament serji. Ir-Riżoluzzjoni 1984/50 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC) tal-25 ta' Mejju 1984.

¹⁴ International Guidelines on Human Rights and Drug Policy (https://www.humanrights-drugpolicy.org/site/assets/files/1/hrdp_guidelines_2019_v19.pdf).

V. RIĊERKA, INNOVAZZJONI U PROSPETTIVA

Prijorità strateġika 10: Bini ta' sinerġiji biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jingħataw il-bażi komprensiva bbażata fuq ir-riċerka u l-evidenza u l-kapaċitajiet ta' prospettiva neċessarji biex ikun possibbli approċċ aktar effettiv, innovattiv u ħafif għall-kumplessità dejjem akbar tal-fenomenu tad-drogi, u biex jissaħħa l-istat ta' thejjiġa tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jirrispondu għal sfidi u kriżijiet futuri

L-ambitu tal-qasam trażversali tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva jkopri kemm l-aspett tas-saħħa kif ukoll dak tas-sigurtà tal-fenomenu tad-drogi, u jirrikonoxxi li dawn huma marbuta b'mod intrinsiku. L-objettiv tiegħu huwa li jikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-aspetti kollha tal-fenomenu tad-drogi u tal-elementi li jikkostitwixxu interventi effettivi, sabiex jipprovdi bażi ta' evidenza soda għall-iżvilupp u l-prattika neċessarji tal-politika. Ser jiżgura li, f'dan il-qasam, jiġi derivat valur massimu mill-investment billi jitravmu sinerġiji u l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Barra minn hekk, b'rikonoxximent tad-dinamiżmu u l-kumplessità dejjem akbar tal-fenomenu tad-drogi, ser iħeġġeġ approċċ orjentat lejn il-futur li jippermetti l-identifikazzjoni aktar rapida ta' xejriet u żviluppi ġodda, u l-istabbiliment aktar rapidu ta' risponsi bbażati fuq l-evidenza. Dan jeħtieġ l-iżvilupp tal-kapaċità teknoloġika neċessarja biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jitħejjew aħjar biex jantiċipaw u jirrispondu għal sfidi ġodda u kriżijiet futuri li għandhom l-potenzjal li jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni tad-droga.

Oqsma prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati:

- 10.1. Tisħiħ u espansjoni tal-kapaċitajiet ta' riċerka u tħeġġiġ ta' kondiviżjoni u użu akbar ta' riżultati.
- 10.2. Trawwim tal-innovazzjoni sabiex il-politika u l-azzjonijiet imorru minn modalità reattiva għal waħda proattiva.
- 10.3. Żvilupp ta' prospettiva strateġika u approċċ orjentat lejn il-futur.
- 10.4. Tisħiħ tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji u appoġġ lir-rwol ċentrali tal-EMCDDA, il-Europol u n-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva.
- 10.5. Żgurar ta' finanzjament adegwat għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva relatati mad-droga.

Ġew identifikati l-prijoritajiet li ġejjin:

- 10.1. Għandhom ikunu prijorità t-tisħiħ u l-espansjoni tal-kapaċitajiet fil-ġbir, il-monitoraġġ, l-evalwazzjonijiet, l-immudellar u l-analiżi ta' informazzjoni flimkien mat-tħeġġiġ ta' kondiviżjoni u użu akbar tar-riżultati dwar id-diversi aspetti tal-fenomenu tad-drogi u dwar ir-risponsi. Dan għandu jkoll l-għarfien espert tal-komunità xjentifika u tas-soċjetà ċivili. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza ma' inizjattivi simili fil-livell internazzjonali kif ukoll l-effiċjenza u l-kosteffettività, u li jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, b'mod partikolari wieħed li jkun relatat mal-ġbir tad-data mill-EMCDDA u l-UNODC.

- 10.2. Huwa importanti li tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons proattiv aktar milli reattiv għal sfidi ġodda u theddid li qed ifiġġ permezz tal-innovazzjoni, u tal-iżvilupp u tal-użu ta' metodi u teknoloġiji ġodda u ta' opportunitajiet għal interventi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni. B'mod partikolari, għandhom jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġu żviluppati, adottati u użati approċċi ta' twissija bikrija, u teknoloġiji forensiċi u ġodda biex l-isfidi ġodda u t-theddid li qed ifeġġ għas-saħħa pubblika u s-sigurtà jiġu mmonitorjati, immudellati u indirizzati aħjar u jsir rispons aħjar għalihom. Hemm bżonn ta' titjib u koordinazzjoni fil-monitoraġġ u fl-analiżi tat-theddidiet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari mill-aċċessibbiltà għad-drogi illeċiti permezz ta' pjattaformi tal-media soċjali, apps, swieq fuq l-internet/id-darknet, kif ukoll l-użu ta' pagamenti online (inkluż kriptovaluti) u l-komunikazzjoni diġitali kriptata.

- 10.3. Jenħtieġ li jiġu żviluppati prospettiva strateġika u approċċ orjentat lejn il-futur biex jissaħħaħ l-istat ta' tħejjija għall-identifikazzjoni u r-rispons għal sfidi futuri potenzjali, u b'hekk jgħinu biex tinholq reżiljenza istituzzjonali u jitrawmu risponsi ta' aktar ħeffa. Dawn għandhom jinkludu riċerka biex jinftiehm aħjar ir-rabtiet bejn il-fenomenu tad-drogi u kwistjonijiet importanti oħra ta' politika bħall-vjolenza, is-saħħa u l-problemi tas-soċjetà, u l-ħsara ambjentali.

10.4. Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva għandhom jirriżultaw mill-isforzi kkoordinati tad-diversi partijiet ikkonċernati fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali, u b'hekk jinvolvu sinerġiji u komplementarjetà biex jiġi żgurat li l-investment fir-riċerka jagħti valur massimu. L-Istati Membri għandhom iżidu u jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fil-ġbir, il-monitoraġġ, l-immudellar u l-analiżi tad-data, fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva dwar l-aspetti rilevanti kollha tal-fenomeni tad-drogi, inkluż billi jkomplu jappoġġaw il-ġbir tad-data eżistenti u r-rwol tal-interfaċċa tan-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali. Skont il-mandati rispettivi tagħhom, l-EMCDDA, il-Europol u n-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali għandu jkollhom il-mezzi, inkluż ir-riżorsi finanzjarji, biex jaqdu r-rwol ċentrali tagħhom ta' appoġġ fil-qasam tat-twissija bikrija, il-valutazzjoni tat-theddid u tar-riskju, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva, sabiex jipprovdu evidenza f'waqtha u soda għal dawk li jfasslu l-politika u sabiex jappoġġaw lill-Istati Membri fil-bini tal-politika nazzjonali tagħhom u ta' azzjonijiet abbażi ta' informazzjoni bbażata fuq l-evidenza. Abbażi tas-sinjali bikrija identifikati, l-immudellar u l-analiżi ta' data u informazzjoni attwali, aġenziji kompetenti, speċjalment l-EMCDDA u l-Europol skont il-mandati rispettivi tagħhom, għandhom jiggwidaw fuq il-livell Ewropew valutazzjonijiet xjentifiċi tar-riskji u valutazzjonijiet strateġiċi u operazzjonali tat-theddid biex jinfurmaw u jstimulaw ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva kemm dwar drogi illeċiti soġġetti għal miżuri ta' kontroll kif ukoll dwar is-SPĠ.

10.5. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw finanzjament adegwat għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva relatati mad-droga f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija. F'dan ir-rigward għandu jiġi inkluż l-użu tal-Fond għas-Sigurtà Interna, il-programm l-UE għas-Saħħa, il-parti tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-programm Orizzont Ewropa, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-programm Ewropa Diġitali u l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni biex jingħata valur miżjud ċar tal-UE, u b'hekk jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni.

VI. KOORDINAZZJONI, GOVERNANZA U IMPLIMENTAZZJONI

Prijorità strateġika 11: Żgurar ta' implimentazzjoni ottimali tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni, koordinazzjoni b'mod awtomatiku tal-partijiet ikkonċernati kollha u għoti ta' riżorsi adegwati fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali

1. Abbażi tal-Istrateġija, il-Pjan ta' Azzjoni 2021-2025 tal-UE dwar id-Droga (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni") ser jipprovdi lista ta' azzjonijiet, inkluż abbażi tal-kriterji li ġejjin.

L-azzjonijiet

- a) iridu jkunu bbażati fuq l-evidenza, xjentifikament sodi u jfittxu riżultati realistiċi li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jiġu evalwati;
 - b) ser ikunu marbuta biż-żmien u ser jidentifikaw il-partijiet responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom;
 - c) irid ikollhom rilevanza u valur miżjud ċari tal-UE.
2. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni għandha tiffaċilita sinerġiji u konsistenza bejn politiki dwar id-drogi fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-Kummissjoni, waqt li tiegħu kont tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u s-SEAE, u li hija disponibbli mill-EMCDDA, il-Europol u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mis-soċjetà ċivili, għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni. Minħabba l-kompetenzi interkonnessi fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali, kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib huma essenzjali f'dan il-qasam. Sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni u sabiex ikun possibbli kwalunkwe segwitu neċessarju ta' politika, inkluż monitoraġġ, il-Kummissjoni, il-Presidenza u l-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (GOD), bħala l-korp preparatorju tal-Kunsill responsabbli għall-politika dwar id-drogi, ser jikkooperaw mill-qrib flimkien. Barra minn hekk, il-GOD għandu jorganizza diskussjonijiet jew skambji tal-aħjar prattiki li jistgħu jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-kontinwità bejn il-Presidenzi suċċessivi f'dan ir-rigward għandha tiġi żgurata.

3. Il-Kummissjoni, waqt li tiegħu kont tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u s-SEAE, u li hija disponibbli mill-EMCDDA, il-Europol, istituzzjonijiet u korpi rilevanti oħra tal-UE, u s-soċjetà ċivili, hija mitluba tagħti bidu għal evalwazzjoni esterna ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni. Ir-risultati ta' din l-evalwazzjoni ser jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hekk kif ikunu disponibbli, u mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2025, sabiex jiġu diskussi fil-fora rilevanti u b'mod partikolari fil-GOD. Dawn id-diskussjonijiet ser jiffurmaw il-bażi għad-definizzjoni tal-iżvilupp futur tal-politika tal-UE dwar id-drogi u ċ-ċiklu li jmiss tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, li trid tiġi approvata mill-Kunsill.
4. Għandhom jiġu allokati rizersi xierqa u mmirati għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi ta' din l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, kemm fuq il-livell tal-UE kif ukoll fuq dak nazzjonali. L-allokkazzjoni tar-rizersi għandha tiġi diretta b'mod proporzjonat għal dawk il-prijoritajiet strateġiċi, l-oqsma u l-interventi li jkollhom l-akbar probabbiltà li jiksbu l-għanijiet tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni fuq il-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak lokali. Il-finanzjament li jsostni l-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija għandu jiġi allokati minn sorsi ta' finanzjament transsettorjali tal-UE, inkluż b'mod partikolari l-Fond għas-Sigurtà Interna, il-programm l-UE għas-Saħħa, il-parti tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-programm Orizzont Ewropa, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-programm Ewropa Diġitali u l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri.
5. Wara l-evalwazzjoni tal-EMCDDA, il-Kummissjoni hija mistiedna li tippreżenta proposta biex jiġi rivedut malajr kemm jista' jkun il-mandat tal-EMCDDA biex jiġi żgurat li l-aġenzija taqdi rwol aktar b'saħħtu fl-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri tal-fenomeni tad-drogi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-EMCDDA u l-Europol jiġu pprovduti bir-rizersi rilevanti li jippermettulhom iwettqu r-rwoli tagħhom skont il-mandati rispettivi tagħhom u l-Istrateġija, inkluż l-appoġġ tagħhom għall-azzjonijiet tal-Istati Membri relatati mad-droga.

6. Il-koordinazzjoni taqdi rwol kruċjali fl-effiċjenza tal-politika tal-UE dwar id-drogi u l-implimentazzjoni tagħha, speċjalment minħabba n-natura trasversali ta' dan il-qasam. Sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-Istrateġija, għandu jkun hemm koordinazzjoni ma' aġenziji, korpi jew organizzazzjonijiet li għandhom rilevanza għall-qasam tad-drogi, skont il-mandati rispettivi tagħhom: kemm fl-UE - b'mod partikolari l-EMCDDA u l-Europol - kif ukoll barra l-UE, bħall-UNODC, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, id-WHO u l-Grupp Pompidou. L-istituzzjonijiet tal-UE u r-Rappreżentant Għoli, fl-ambitu tal-kompetenza rispettiva tagħhom, għandhom ifittxu li jiżguraw li l-attivitajiet tal-UE fil-qasam tad-drogi illeċiti jkunu kkoordinati u li dawn jikkomplementaw lil xulxin. Fejn rilevanti, l-UE għandha tippromwovi wkoll il-koordinazzjoni fost l-atturi esterni, inkluż fil-kuntest tan-NU.
7. Fil-Kunsill tal-UE, il-GOD bħala l-korp ewlieni ta' koordinazzjoni dwar il-politika dwar id-drogi għandu jinżamm infurmat dwar il-ħidma possibbli marbuta ma' kwistjonijiet ta' drogi, imwettqa minn korpi preparatorji oħra tal-Kunsill, bħall-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika, kif ukoll korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill inkluż fil-qasam tad-dwana, il-materji ġudizzjarji u kriminali, l-infurzar tal-liġi, l-affarijiet soċjali, l-agrikoltura u r-relazzjonijiet esterni.
8. Għandhom jiġu mfittxija koordinazzjoni u sinerġiji bejn il-politika dwar id-drogi u l-politiki l-oħra, inkluż fl-oqsma tas-sigurtà u tas-saħħa. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fid-diversi oqsma, inkluż l-infurzar tal-liġi, id-dwana inkluż il-laboratorji doganali, il-kontroll fil-fruntieri, il-ġudikatura, il-ħabsijiet u l-faċilitajiet korrettivi, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili u marittimi, l-aġenziji tal-mediċini, is-servizzi postali, il-partijiet ikkonċernati involuti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fil-monitoraġġ, inkluż in-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali, is-servizzi soċjali u ta' kura għad-droga inkluż l-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, is-setturi tal-edukazzjoni u tal-prevenzjoni.

9. Esternament, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jippromwovu l-approċċ u l-oġġettivi tal-Istrateġija b'vuċi waħda. Id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jaqdu rwol siewi fil-promozzjoni ta' dan u fl-iffaċilitar ta' diskors koerenti tal-UE dwar il-politika dwar id-drogi.

 10. Il-partekipazzjoni u l-involviment sinifikattivi tas-soċjetà ċivili, inkluż il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi, għandhom jiġu żgurati fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-drogi, fuq il-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali.
-